DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/870

tas-27 ta' Mejju 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni u entitajiet indikati li tinsab fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li 17-il entrata inklużi fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK jiġu aġġornati.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

N. HURDUC

([1]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

ANNESS

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"14.	Brigadier Ġenerali Mohammad NADERI		Kap ta' Aviation Industries Organisation (IAIO) tal-Iran. Eks Kap ta' Aerospace Industries Organisation (AIO) tal-Iran. AIO ħadet sehem fi programmi sensittivi Iranjani.	23.6.2008
23.	Davoud BABAEI		Il-kap attwali tas-sigurtà għall-istitut tar-riċerka tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Ministeru tad-Difiża, l-Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND), li hija mmexxija minn Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi, indikat min-NU. L-IAEA identifikat lil SPND bit-tħassib tagħhom dwar id-dimensjonijiet militari possibbli tal-programm nukleari tal-Iran li l-Iran jirrifjuta li jikkoopera dwaru. Bħala kap tas-sigurtà, Babaei huwa responsabbli għall-prevenzjoni ta' żvelar ta' informazzjoni inkluż lill-IAEA.	1.12.2011
25.	Sayed Shamsuddin BORBORUDI magħruf bħala Seyed Shamseddin BORBOROUDI	Data tat-Twelid: 21 ta' Settembru 1969	Viċi Kap tal-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika indikata min-NU, fejn huwa subordinat ta' Feridun Abbasi Davani, indikata min-NU. Huwa kien involut fil-programm nukleari Iranjan mill-inqas mill-2002, inkluż bħala l-ex Kap tal-akkwist u l-loġistika f'AMAD, fejn huwa kien responsabbli għall-użu ta' kumpanniji li jservu ta' paraventu bħal Kimia Madan biex jinkiseb tagħmir u materjal għall-programm ta' armi nukleari tal-Iran.	1.12.2011
27.	Kamran DANESHJOO (magħruf bħala DANESHJOU)		Viċi Ministru għax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija. Huwa ta appoġġ lil attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni.	1.12.2011"

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"12.	Fajr Aviation Composite Industries	Mehrabad Airport, PO Box 13445-885, Tehran, Iran	Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan il-MODAFL it-tnejn indikati mill-UE li primarjament tipproduċi materjali komposti għall-industrija tal-inġenji tal-ajru.	26.7.2010
95.	Samen Industries	2nd km of Khalaj Road End of Seyyedi St., P.O. Box 91735-549, 91735 Mashhad, Iran, Tel.: +98 511 3853008, +98 511 3870225	Isem shell għal Khorasan Metallurgy Industries indikata min-NU, sussidjarja ta' Ammunition Industries Group (AMIG).	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
153.	Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND)		L-Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND) tappoġġa direttament l-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni. L-IAEA identifikat lil SPND bit-tħassib tagħhom dwar dimensjonijiet militari possibbli (PMD) tal-programm nukleari tal-Iran. SPND hija mmexxija minn Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi indikat min-NU, u hija parti mill-Ministeru għad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) indikat mill-UE.	22.12.2012"

(3) taħt l-intestatura "II. Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Javad DARVISH-VAND		Eks Viċi Ministru u Spettur Ġenerali ta' MODAFL.	23.6.2008
3.	Parviz FATAH	twieled fl-1961	Membru tal-IRGC. Eks Ministru għall-Enerġija.	26.7.2010
4.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Seyyed Mahdi FARAHI		Eks Kap tal-Organizzazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali tal-Iran (AIO) u eks-direttur eżekuttiv tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) indikata min-NU. Membru tal-IRGC u Viċi fil-Ministeru għad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL).	23.6.2008
5.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ali HOSEYNITASH		Membru tal-IRGC. Membru tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali u involut fit-tfassil tal-politika dwar kwistjonijiet nukleari.	23.6.2008
12.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ali SHAMSHIRI		Membru tal-IRGC. Okkupa rwoli għolja fil-MODAFL.	23.6.2008
13.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ahmad VAHIDI		Eks Ministru tal-MODAFL.	23.6.2008
15.	Abolghassem Mozaffari SHAMS		Eks Kap tal-Kwartieri Ġenerali ta' Khatam Al-Anbiya Construction.	1.12.2011"

(4) taħt l-intestatura "II. Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)", l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"11.	Behnam Sahriyari Trading Company	Indirizz Postali: Ziba Buidling, 10th Floor, Northern Sohrevardi Street, Tehran, Iran	Involuta fit-trasbord ta' armi f'isem l-IRGC.	23.1.2012"

(5) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"20.	(b) Iran Communications Industries (ICI)	PO Box 19295-4731, Pasdaran Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: PO Box 19575-131, 34 Apadana Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: Shahid Langary Street, Nobonyad Square Ave, Pasdaran, Tehran	Iran Communications Industries, sussidjarja ta' Iran Electronics Industries (elenkata mill-UE), tipproduċi diversi oġġetti inklużi sistemi ta' komunikazzjoni, avionics, tagħmir ta' optics u electro-optics, micro-electronics, teknoloġija tal-informazzjoni, test u measurement, sigurtà tat-telekomunikazzjoni, tagħmir elettroniku tal-gwerra, manifattura u tiġdid ta' radar tube, u missile launchers.	26.7.2010"

(6) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", titneħħa l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"19.	Iran Communications Industries (ICI)	PO Box 19295-4731, Pasdaran Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: PO Box 19575-131, 34 Apadana Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: Shahid Langary Street, Nobonyad Square Ave, Pasdaran, Tehran	Iran Communications Industries, sussidjarja ta' Iran Electronics Industries (ara nru 20), tipproduċi diversi oġġetti, inklużi sistemi ta' komunikazzjoni, avionics, tagħmir ta' optics u electro-optics, micro-electronics, teknoloġija tal-informazzjoni, test u measurement, sigurtà tat-telekomunikazzjoni, tagħmir elettroniku tal-gwerra, manifattura u tiġdid ta' radar tube, u missile launchers. Dawn l-oġġetti jistgħu jintużaw fi programmi li jinsabu taħt sanzjoni skont il-UNSCR 1737.	26.7.2010"

(7) taħt l-intestatura "II. Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"12.	Etemad Amin Invest Co Mobin	Pasadaran Av. Tehran, Iran	Kumpannija li hija proprjetà ta' jew ikkontrollata mill-IRGC li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim.	26.7.2010"

(8) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", titneħħa l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"10.	Etemad Amin Invest Co Mobin	Pasadaran Av. Tehran, Iran	Qrib Naftar u Bonyad-e Mostazafan, Etemad Amin Invest Co Mobin tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim u tal-Istat parallel Iranjan.	26.7.2010"